

NEWSPAPER POST

# Il-Belt Victoria

Rivista maħruġa mill-Parroċċa ta' San Ġorġ • Għawdex

Lulju - Awissu 2004 Nru 139


# MESSAĠĠ GĦALL-FESTA
## MILL-ARĊIPRIET MONS ĠUŻEPPI FARRUGIA

Il-festa ta' San Ġorġ reġgħet magħna. B'din intemmu ċ-ċelebrazzjonijiet b'tifkira tas-sbatax-il ċentinarju mill-martirju glorjuż tal-patrun tagħna: "tagħna" bħala membri tal-komunita' Nisranija li tagħmel il-parroċċa ta' San Ġorġ, u "tagħna" bħala Għawdxin nisel missirijietna li sa mill-qedem kienu laqgħu lil San Ġorġ bħala l-protettur tagħhom bħala poplu. Bħalma ġara mitt sena ilu fi żmien l-isqof G. M. Camilleri, mess lilna l-Ġorġjani li, flimkien ma' l-awtoritajiet djoċesani u bl-approvazzjoni u l-ħeġġa ta' Mons Isqof Cauchi, norganizzaw dawn il-festi f'isem Għawdex tagħna. Kienu festi kbar fit-tfassil, fl-oriġinalita' u fl-organizzazzjoni tagħhom. Kellna kollaborazzjoni kbira minn kull min iħossu Ġorġjan u minn kullimkien rispons li bħalu għadu qatt ma deher f'Għawdex.

### NIFTAKRU U NFAKKRU

Jiena ċert li kulħadd jixtieq li dawn il-festi mhux biss ma ninsewhomx imma nfakkrukom permezz ta' l-inizjattivi pastorali serji li diġa' ħadna u jixraq li nieħdu 'l quddiem, kif ukoll permezz ta' proġetti kulturali li jkunu dinjitużi li wkoll ħadna u se nieħdu.

F'rabta mal-Ġublew il-Kbir ta' l-Inkarnazzjoni li l-Knisja Universali ċċelebrat fis-sena 2000 tajna bidu għall-bini ta' kappella li ser tospita l-Ewkaristija Mqaddsa. B'hekk din mhux biss tkun miżmuma f'kappella verament xierqa imma wkoll dawk kollha li jkunu jridu jgħaddu ħin ta' talb u meditazzjoni quddiem is-Santissimu Sagrament ikunu jistgħu jagħmlu dan f'ambjent ta' ġabra akbar. Hemm bżonn norganizzaw dejjem aħjar s-sigħat ta' adorazzjoni komunitarja li jkollna ta' kuljum u, fuq kollox, iċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa, speċjalment fil-jum tal-Ħadd. B'tifkira tal-Ġublew il-Kbir għandna fil-bażilika teżor li forsi m'aħniex napprezzaw biżżejjed li hu l-ikona ta' l-Inkarnazzjoni mbierka u regalata lilna mill-Patrijarka ta' Kostantinopli Bartilmew I li għadu kien ġie milqugħ mill-Papa Ġwanni Pawlu II f'Ruma. B'tifkira oħra tal-Ġublew se titqiegħed lapida Latina (li se tkun akkompanjata minn traduzzjoni fil-Malti u li forsi jkun jixraq li tiġi dekorata b'bordura adattata) fuq il-lemin tal-faċċata tal-bażilika. Bħalha, fuq in-naħa l-oħra, se jkun hemm skrizzjoni li tfakkar is-Sbatax-il Ċentinarju Ġorġjan.



F'rabta ma' dan ħadna wkoll għadd ta' inizjattivi fl-oqsma pastorali u kulturali. Dwar dawn diġa' tkellimt u ktibt f'okkażjonijiet oħra. Insemmi fost dawn il-bini ta' *annexe* ġdida maċ-Ċentru Parrokkjali, il-bini ta' Dar (din ukoll annessa mal-knisja) għas-Saċerdoti li se' tkun bżonnjuża ħafna u ta' ġid spiritwali kbir aktar 'il quddiem, diversi pubblikazzjonijiet ta' tagħlim fuq San Ġorġ, kuntatti stabbli ma' diversi parroċċi u djoċesijiet barranin anki non-Kattoliċi, kif ukoll attivitajiet kulturali u/ jew l-iżvilupp tagħhom fosthom ir-radju tal-komunita' *Leħen il-Belt Victoria* bl-*istudios* tiegħu, il-Festival Internazzjonali ta' l-Arti, il-pellegrinaġġi f'Lourdes u l-Fondazzjoni Belt Victoria. Saru ħidmiet kbar ta' restawr fil-bażilika, fis-sagristiji, fl-awla kapitulari u fiċ-ċentru parrokkjali li jaħdem ukoll ta' ċentru għall-kultura Nisranija.

### KRISTU HU L-BIEB TAGĦNA

Fost il-proġetti kulturali kbar, u f'dan il-każ li se nsemmi, b'inizjattiva oriġinarjament mhux uffiċċjali tal-Parroċċa għalkemm milqugħa b'ħeġġa minnha, se jkollna bieb ġdid, maħdum fil-bronż b'tematika sagra, li se jieħu post dak li hemm fil-faċċata prinċipali tal-bażilika. Dan hu proġett ta' l-arti tabilħaqq ġdida għal pajjiżna u se jqegħdna fost l-aqwa bliet Ewropej li ilhom snin, u sekli kbar, igawdi din is-sura ta' arti sagra.

Dan il-bieb ilu ħafna maħsub u d-deċiżjoni li jsir kienet ittieħdet fl-1998. Il-ħsieb kien li jfakkar il-Ġublew il-Kbir tal-Mulej li lilna l-bnedmin jgħidilna: Jiena

Ikompli f'paġna 3

# IL-BELT VICTORIA

Rivista ta' kull Xahrejn



*Uffiċċju Editorjali:* **Ċentru Parrokkjali San Ġorġ**
**Triq il-Karità, Victoria, Għawdex.**
Tel: 21 55 63 77 • Fax: 21 55 69 81
email: info@stgeorge.org.mt
web: www.stgeorge.org.mt • radio: 104MHz FM


### Membri Ġodda fil-Komunità Parrokkjali

17.06.04: **MATTHEW,**
iben William J. Green u Patricia. H. Pryte

### Ingħaqdu fis-Sagrament taż-Żwieġ

*30.05.04:* Piere Paul Camilleri u Daniela Sillato
*05.06.04:* Michael Cremona u Nadia Buttigieg
*06.06.04:* Stephen C. Vella u Claudia Cassar
*18.06.04:* Courtney Berger u Matthew Rapa
*19.06.04:* Monica Farrugia u Matthew J. Green

### Marru Jingħaqdu ma' Kristu Rxuxtat

04.06.04: **Cikku Said**

### Donazzjonijiet

**Toni u Cetta Aquilina** - North Altona: 100 Aust. $
**Grezzju Cassar** - Seaholme, Altona: 100 Aust. $

### *NIFIRĦU*



■ lil **DUN GEOFFREY G. ATTARD** li nhar il-Ġimgħa 25 ta' Ġunju 2004 ġie ordnat Saċerdot mill-E.T. Mons Isqof Nikol Cauchi u nawgurawlu ħidma fejjieda fil-għalqa tal-Mulej.

■ lil **Mons. CORONATO GRIMA** li nħatar Kanċillier u sostitut tal-Vigarju Ġenerali fid-Djoċesi ta' Ġibiltà.

■ lil **Dr. PAUL GEORGE PISANI** li ġie investit bħala Kavallier ta' l-Ordni ta' San Ġwann.

■ lil **Kav. PAWLU CAMILLERI CAUCHI** li rċieva d-Dekorazzjoni "Ġieħ il-Belt Victoria" mill-Kunsill Lokali.

■ lil **Mrs. ADELINA SULTANA** li rċeviet id-Dekorazzjoni "Ġieħ il-Belt Victoria" mill-Kunsill Lokali.


## PELLEGRINAĠĠ GĦAL LOURDES

Inżuru wkoll: ***Bartres, Pont D'Espagne, Luchon u Val D'Aran (Spanja)***

**Mill-Gimgha 23 ta' Lulju 2004**
**Sal-Hamis 29 ta' Lulju 2004**
***Booking fl-Uffiċċju Parrokkjali jew Mons Salv Borg***
***BAQA' FTIT POSTIJIET BISS***


# Editorjal

## NAGĦMLU FESTA

Reġgħu magħna l-jiem sbieħ ta' Lulju. Reġgħu magħna l-jiem sbieħ tal-festa. Reġgħu magħna l-jiem sbieħ li jferrħuna. U bir-raġun! Il-festa tagħna timla' bil-ferħ mhux lilna biss li f'San Ġorġ naraw il-Patrun u l-Protettur tagħna, imma wkoll lil dawk kollha li jżuruna f'dawn il-granet.

Bil-festa ta' din is-sena qed jiġu fi tmiemhom il-Festi Ċentinarji f'għeluq is-Sbatax-il Mitt Sena mill-Martirju ta' San Ġorġ. Sar minn kollox biex dawn il-festi ma jkunux festi li jgħaddu bħall-oħrajn. Imma jkunu festi li jħallu marka li ma titħassar fi qlubna, f'moħħna u fil-Parroċċa għażiża tagħna.

Saru sforzi kbar u ħidmiet bla waqfien. Żgur li ma tistax ma ssemmix is-sens ta' inizjattiva li rajna f'dawn l-aħħar tlett snin ta' Mons Arċipriet Dr. Ġużeppi Farrugia. Il-ħidma ma tiaqa' xejn ta' l-Arċipriet qed twassal biex matul din is-sena u anke matul il-festa naraw it-twettieq ta' ħafna opri li ser ikomplu jfakkru lilna u lil uliedna f'dan iċ-Ċentinarju.

Biżżejjed insemmu l-bini tal-kumpless taċ-Ċentru Parrokkjali li llum jeħodna minn Triq Karita' sa Triq San Ġorġ. Il-bini tal-Kappella tas-Santissimu Sagrament. Il-bieb tal-bronż li ser ikompli jżejjen il-Bażilika tagħna. Il-monument li ser ifakkar lill-E.T. Mons Isqof Ġużeppi Pace. Ir-rivista "San Ġorġ" mimlija b'tagħrif u tagħlim dwar dan il-kbir qaddis. U tant u tant ħidmiet oħra li saru biex infakkru dan iċ-ċentinarju.

Grazzi Arċipriet għall-inizjattivi tiegħek. Grazzi għad-dedikazzjoni tiegħek. Grazzi għall-organiżżazjoni li rnexxielek toħloq fil-parroċċa tagħna. Imma żgur li għandna ngħdulek grazzi mill-qalb għax bil-ħidma tiegħek urejtna kif għandha tkun mħabba vera lejn San Ġorġ u l-Parroċċa tiegħu.

Jidhrilna li huwa xieraq wkoll li minn dawn il-paġni nsellmu lis-Soċjeta Filarmonika La Stella bis-sotto-kumitati kollha tagħna li qatt ma waqfet tistinka u tħabbrek biex tagħmel mill-festa ta' San Ġorġ, festa kampjun tal-gżejjer Maltin.

Xieraq ukoll li nsellmu lill-emigranti tagħna, uħud minn fostna għall-festa, u nawgurawlhom li minkejja li qed jgħixu bogħod minn artna, jkomplu jgħożżu l-imħabba lejn San Ġorġ u j'alla ma ndumux ma niltaqgħu magħkom.

Minn qalbna nixtiequ lil kulħadd il-Festa t-Tajba u nitolbu lil San Ġorġ ikompli jieqaf magħna, ma' beltna u ma' gżiritna.

## Iħallina l-Kardinal Opilio Rossi



Xi xhur ilu ħabbarna minn dawn il-paġni, l-mewt tal-Kardinal Corrado Ursi, arċisqof emeritu ta' Napli, li kien onorana bil-preżenza tiegħu fil-festi ċentenarji ta' l-1984. Fi Frar li għadda, tħabbret ukoll il-mewt tal-Kardinal Opilio Rossi, li flimkien mal-Kardinal Ursi, kien ippresieda fuq il-festi ċentenarji ta' dik l-istess sena. Il-Kardinal Rossi kellu bħala motto għall-episkopat tiegħu l-frażi biblika *Omnia in Christo* jiġifieri "Kollox fi Kristu" meħuda mill-frażi ta' San Pawl li nsibu fl-Ittra lill-Efesin, kap 1, vers 10. Matul ħajtu, Rossi kien ta' servizz kontinwu għas-Santa Sede. Hu qeda dmiru bħala rappreżentant tal-Papa f'diversi djoċesijiet fl-Amerika u fl-Ewropa, u temm is-servizz diplomatiku tiegħu fil-Kurja Rumana. Il-komunita' parrokkjali ta' San Ġorġ tibqa' tgħożż it-tifkira tiegħu li għadha ħajja fil-memorja ta' tant Insara Għawdxin li jiftakruh fostna fl-okkażjoni taċ-ċelebrazzjonijiet speċjali ta' Lulju 1984.

# *MONUMENT LILL-ISQOF ĠUŻEPPI PACE*

Kien xieraq li l-Parroċċa tagħna tfakkar lill-E.T. Mons G. Pace D.D., J.C.D., Ph.D. O.S.J., Isqof t'Għawdex. Kien l-Isqof Pace li bil-għajnuna tiegħu infirdu l-Parroċċi ta' San Ġorġ u tal-Katidral. Kien l-Isqof Pace li għen bi sħiħ biex il-Parroċċa tagħna ssir l-ewwel Parroċċa Bażilika fid-Djoċesi ta' Għawdex.

Mons Pace twieled f'Għawdex fis-sena 1890. Huwa għamel l-istudju tiegħu fis-Seminarju Convitto li dak iż-żmien kien taħt idejn il-Ġeżwiti. Ir-Rev.di. Patrijiet Ġeżwiti mill-ewwel għarfu x'kien jiswa dan l-istudent illi fis-snin li għamel f'dan is-Seminarju wera ħila kbira għall-istudji li wassluh għall-Matrikola ta' l-Universita' ta' Malta.

Huwa ried jippefezzjona ruħu fl-istudji tiegħu w għalhekk mar Ruma fejn għamel kors ta' studju fil-Kulleġġ Capranica u ffrekwenta l-Universitajiet Gregorjana u santa Apollinare. Ġie lura Għawdex imżejjen bid-Dottorat tat-Teoloġija, bid-Dottorat tad-Dritto Kanoniku u tal-Filosofija.

Mons Pace laħaq żgħir Kanoniku Monsinjur tal-Katidral t'Għawdex u f'qasir żmien laħaq professur u rettur tas-Seminarju. Ġie mogħti t-titlu ta' Prelat Domestiku tal-Papa mill-Q.T. il-Papa Pju XI. Wara l-mewt ta' Mons Ġużeppi Farrugia, ex-Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi, laħaq Dekan tal-Katidral u mbagħad Arċidjaknu. Bosta drabi kien Locum Tenens fid-Djoċesi, meta l-E.T. Mons Mikiel Gonzi, Isqof t'Għawdex kien ikun msiefer. Kien ukoll Vigarju Ġenerali tad-Djoċesi. Għalhekk meta waslet l-aħbar li l-Q.T. il-Papa għoġbu jaħtru Isqof t'Għawdex, ma setax ma jifraħx il-poplu illi għat-tielet darba din il-gżira kellu jkollha Isqof magħżul minn fost uliedha.

Il-Veskovat ta' l-Isqof Pace kien mimli b'ħidma kontinwa li mhux possibbli li tissemma' kollha. Ħadem b'impenn favur id-Djoċesi kollha u fil-parroċċI kollha tagħha.Għawdex bla dubju kien jara fl-Isqof Pace missier ġeneruz mitluf wara l-ġid ta' wliedu.

*Jaqbad mill-paġna ta' quddiem*

"l-bieb" li minnu tridu tidħlu biex tiksbu s-salvazzjoni. Minaħbba tant xogħol aktar prijoritarju dan il-proġett tħalla jorqod sakemm reġa' tqajjem f'konnessjoni mal-festi ċentinarji ta' San Ġorġ. Imnebbħin mill-motto taċ-ċentinarju li ħriġnih minn dak tal-Ġublew, jiġifieri, "Ġorġi, martri ta' Kristu l-bieraħ, illum, dejjem", ħsibna li l-bieb issa jsir bħala kommemorazzjoni tal-Ġublew, l-ewwel, u mbagħad, trać-ċentinarju.

Minbarra din l-opra monumentali, din is-sena se jkollna wkoll l-inawgurazzjoni ta' monument maħdum ukoll fil-bronż u li se jfakkar wieħed mill-benefatturi kbar tad-Djoċesi u tal-Parroċċa, l-Isqof Ġużeppi Pace.

### IL-FESTA TA' DIN IS-SENA

Din is-sena wkoll se jkollna ħafna biex nifirħu. Minbarra r-raġunijiet li joħorġu mill-misteru ta' San Ġorġ bħala patrun u protettur, hemm raġunijiet oħrajn, uħud minnhom kważi eċċezzjonali.

Waħda minn dawn ir-raġunijiet, li wara għadd ġmielu ta' snin kellna bħalha s-sena l-oħra fil-persuna ta' Dun Tonio Galea, huwa s-saċerdot il-ġdid, Dun Geoffrey George Attard, li se jiċċelebra l-ewwel quddiesa solenni tiegħu ta' radd il-ħajr fil-ġranet tal-festa. Saċerdot novell huwa dejjem mottiv ta' ferħ, mhux biss għall-Parroċċa li minnha joħroġ, imma għall-Knisja lokali kollha. Dan hu aktar u aktar veru meta saċerdot novell ikun saċerdot li jservi fil-Parroċċa ta' San Ġorġ fejn ifittxu servizz pastorali mhux biss l-Insara tal-Belt Victoria kollha u mid-djoċesi kollha.

Ir-raġunijiet l-oħra huma evidenti fil-programm tal-festa li qed niċċelebraw. Jiena ċert li diġa flejtu l-programm li qed jitwettaq u tistgħu tapprezzaw il-ħidma li saret biex titfassal festa xierqa kemm min-naħa ta' l-Uffiċċju Parrokkjali kif ukoll min-naħa tal-Kumitat u l-Banda tas-Soċjetà 'La Stella'. Kif ta' sikwit intenni, is-Soċjetà 'La Stella', bl-oqsma tagħha tal-banda, l-armar, in-nar, it-tiġrijiet tal-bhejjem, il-palk u l-folkor, tagħti kontribut straordinarju fil-ħajja tal-Parroċċa u tal-Belt Victoria. Nixtieq infaħħar b'mod speċjali l-kollaboraturi tagħha fl-armar tal-festa, żgħażagħ mimlijin entużjażmu, li jistinkaw matul is-sena kollha u qed joħorġu bil-meravilji! Grupp tabilħaqq eżemplari!

Bħas-sena l-oħra, dan il-programm qed joħroġ fil-forma ta' ktejjeb sabieħ li jista' jinżamm bħala tifkira. Irnexxa, għax huma diversi l-Parroċċi li ħarġu tagħhom fuqu. Dan il-programm ma kienx ikun possibbli li ma kienx għall-kollaborazzjoni ta' dawk kollha li, mingħajr interessi personali, qed jaħdmu ma' xulxin bil-paċenzja kollha u l-istinkar meħtieġ sabiex kollox isir mill-aħjar.

Il-festi straordinarji tal-Ġublew il-Kbir ta' l-Inkarnazzjoni u tas-17-il Ċentinarji tal-Martirju ta' San Ġorġ qed jintemmu b'din il-festa. Imma, kif diġa' għidt, dan it-tmiem huwa milja li jiftaħ aktar il-bieb għall-ġejjieni.

Nixtieq il-festi t-tajba lilkom ilkoll.

**Mons. Ġużeppi Farrugia**
*Arċipriet*

# Aktar Tifkiriet taċ-Ċentinarju Ġorġjan

Kitba ta' Dun Ġużepp Gauci

### Daħla

Fil-ħarġa ta' "Il-Belt Victoria" (Marzu-April 2004) ktibt dwar xi tifkiriet dejjiema li se jibqgħu jfakkru s-Sbatax-il Mitt Sena mill-Martirju ta' San Ġorġ Martri. Minn dakinhar 'l hawn irnexxieli nikseb tagħrif dwar aktar tifkiriet bħal dawn u f'din il-kitba se nipprova nagħtikom tagħrif dwarhom.

### F'San Giorgio Jonico

F'dan il-Comune fil-Provinċja ta' Taranto, fil-Puglia, il-kult ta' San Ġorġ hu antik ħafna, tant li f'publikazzjoni tas-sena 2000, *"S. Giorgio Jonico: la festa patronale e l'antica devozione a San Giorgio Martire"*, Vincenza Musardo Talo' kitbet hekk: *"questo Santo (S. Giorgio) non solo ha dato il nome al nostro Paese, ma ha accompagnato tutti i diversi momenti del farsi della nostra comunita' e ha mantenuto il primato devozionale su altri santi in quasi mille anni di storia della Terra di S. Giorgio Jonico" : "dan il-Qaddis (S.Ġorġ) mhux biss ta isem lil pajjizna, imma sieħeb il-mumenti diversi kollha li sawru l-komunita' tagħna u żamm l-ewwel post fost qaddisin oħra fil-kult ta' kwazi elf sena ta' storja ta' l-art ta' S. Giorgio Jonico"*.

Bir-raġun kollu, għalhekk li dan il-Comune Taljan iċċelebra b'mod xieraq is-17-il Ċentinarju tal-Martirju ta' San Ġorġ b'festi diversi li laħqu l-qofol tagħhom fit-28 ta' April 2003. U biex din l-okkażżjoni tibqa' mfakkra għal dejjem, l-Assessorat tal-Kultura fi ħdan l-Amministrazzjoni Comunali ta' S. Giorgio Jonico, ippublika kartolina li turi l-istatwa fl-injam ta' San Ġorġ fuq iż-Żiemel meqjuma fil-Knisja Parrokkjali bil-kliem *"XVII Centenario del Martirio di S. Giorgio"*, kif ukoll bl-istemma tal-Comune li fuqha tidher ix-xbieha ta' S.Ġorġ fuq iż-żiemel. Fl-istess jum tal-Festa, l-awtoritajiet tal-Posta ħarġu timbru speċjali bix-xbieha ta' San Ġorġ fuq iż-Żiemel u bil-kliem li jfakkar dan iċ-Ċentinarju.

L-istess Komunita' Parrokkjali tal-post, ippublikat żewġ xbiehat differenti ta' l-istatwa ta' San Ġorġ fuq iż-Żiemel li tinħareġ fil-purċissjoni tal-Festa. Fuq in-naħa ta' wara ta' waħda minnhom hemm miktub hekk: *"XVII Centenario del Martirio di S. Giorgio - 303-2003 - Grazie, o Santo Patrono, per quello che hai fatto e farai per i figli di questo tuo popolo di San Giorgio Jonico nei secoli futuri - San Giorgio Jonico (TA)"*. Fuq wara tax-xbieha l-oħra hemm miktub: *"303-2003 - 17 Centenario della morte di San Giorgio Martire - Antica statua in cartapesta venerata nella Chiesa Matrice di San Giorgio Jonico (TA) portata in processione durante i solenni festeggiamenti in onore del Santo Patrono"*.

### Fil-Filatelija

San Ġorġ hu suġġett popolari fil-Filatelija universali. Ħafna huma l-pajjiżi diversi li għandhom bolol bi xbihat artistiċi ta' San Ġorġ. Per eżempju, meta l-Italja riedet tfakkar artisti kbar bħalma huma d-Donatello, il-Carpaccio, u l-Vitale da Bologna, ħarġet bolli bix-xbieha ta' San Ġorġ xogħol dawn il-persunaġġi li sawru parti mportanti mill-patrimonju artistiku ta' l-Italja.

Iżda l-ħsieb tiegħi hu li nirreferi għall-bolli li se jibqgħu jfakkru għal dejjem is-17-il Ċentinarju tal-Martirju ta' San Ġorġ. Jekk nitilqu minn Malta tagħna għandna 5 bolli li jfakkru din l-okkażżjoni u li ġew ippublikati taħt it-titlu "St. George Paintings", fit-23 ta' April 2003. Fihom tidher ix-xbieha ta' San Ġorġ fl-affresk ta' Ħal Millieri (nofs Seklu 15), fil-pittura ta' F. Potenzano li hemm fil-Mużew tal-Kon-Kattidral ta' S. Ġwann (c.1565), fil-pittura tal-Mattia Preti fil-Bażilika ta' Għawdex (1678), fil-pittura tal-Mattia Preti tal-Knisja Arċipretali ta' Ħal Qormi ((1698) u fil-pittura tal-Mattia Preti tal-Kon-Kattidral ta' S. Ġwann (1657).

Fuq il-bolla maħruġa mill-Vatikan fis-6 ta' Mejju 2003, tidher ix-xbieha ta' San Ġorġ fuq iż-Żiemel ta' Paris Bordon (1500-1570) li hemm fil-Mużew tal-Vatikan. Il-bolla fiha l-kitba *"XVII Centenario della Morte di San Giorgio"* u hi tal-valur ta' 0.62 Ewro.

Bolla oħra ġiet ippublikata mill-Prinċipat ta' Monaco u tippreżenta statwa ta' San Ġorġ li tinsab fil-Palazz Presidenzjali ta' Monaco. Din il-bolla b'tifkira tal-1700 sena mill-Martirju ta' San Gorg ħarġet fl-1 ta' Diċembru 2002 u hi tal-valur ta' 0.53 ewro. Fuqha hemm il-kitba: *"303 - 2003 Martyre de Saint Georges"*.

Hemm ukoll it-tliet bolli li nħarġu mill-awtoritajiet tal-Posta ta' Gibilta' li fihom tidher il-kitba *"1700th Anniversary of St. George"*. Il-bolla ewlenija turi lil San Ġorġ meħud minn "stained-glass" li hemm fil-Knisja Parrokkjali ta' S. Ġużepp f'Gibilta'. Iż-żewġ bolli l-oħra juru s-salib aħmar fuq sfond abjad magħruf bħala s-"Salib ta' S.Ġorġ", u s-salib ta' l-Ordni Kostantinjan ta' San Ġorġ.

Bolla oħra li tfakkar is-17-il Ċentinarju tal-Martirju ta' San Ġorġ inħarġet fl-Italja ***(ara ritratt)*** fit-23 ta' April 2004, bil-kliem *"XVII Centenario Martirio San Giorgio"* u bil-valur ta' 2.80 Ewro. Il-bolla turi l-affresk tal-Qtugħ ir-Ras ta' San Ġorġ li




hemm fost is-serje ta' affreski dwar il-Qaddis, fl-Oratorio di S. Giorgio, Padova. Dawn l-affreski huma xogħol Altichieri da Zevio tas-Seklu XIV u ġew restawrati dan l-aħħar. Din il-bolla ġiet publikata bl-inizjattiva tal-għaqda "San Giorgio e i Suoi Comuni" li matul il-jiem 23, 24 u 25 ta' April 2004 għamlet ir-raba' inkontru nazzjonali tagħha fil-Comune San Giorgio di Mantova.

Minbarra dawn il-bolli kien hemm diversi timbri tal-Posta, l-aktar f'Malta, fl-Italja u fil-Vatikan li jfakkru din il-ġrajja ta' l-1700 Sena mill-Martirju ta' San Ġorġ, billi juru lil San Ġorġ fuq iż-Żiemel. It-timbru ta' Gibilta' juri s-salib ta' l-Ordni Kostantinjan ta' S. Ġorġ. L-aħħar timbru li ħareġ kien fl-Italja, biex ifakkar il-jum li fih ħarġet il-bolla li tfakkar is-17-il Ċentinarju ta' San Ġorġ, fit-23 ta' April 2004. It-timbru juri x-xena tal-Martirju ta' San Gorg ta' Altichieri da Zevio (c.1384) li giet riprodotta fuq il-bolla ta' l-Italja għal dan iċ-Ċentinarju Ġorġjan.

### Fl-Ingilterra

L-Ingilterra, kif ġie mħabbar fil-"Catholic Herald" tas-16 ta' April 2004, fakkret is-17-il Ċentinarju mill-Martirju ta' San Ġorġ, il-Patrun Nazzjonali tagħha, bil-publikazzjoni ta' ktieb li jġib l-isem *"Saint George - Knight of Lydda"*, miktub minn Anthony Clooney u ppublikat mill-"Family Publications" ta' Oxford.

F'kumment li Mark Elvins OFM Cap, li hu awtur ta' ktejjeb dwar San Ġorġ, ta dwar din il-publikazzjoni, naqraw hekk: *"His detailed historical setting provides a background for the times in which the martyr (St. George) lived, and his narrative sustains an interest throughout"*. Philip Trower, awtur ta' *"Turmoil and Truth"* ikkummenta hekk: *"Saint George, Knight of Lydda is first-rate; a most evocative picture of Christianity in the third century, also of Roman life in general, and the first stages of the Empire's decline"*.

Il-ktieb hu ta' 314 paġna u mqassam f'ħames partijiet b'ħamsa u sebgħin kapitlu. Hemm ukoll Appendiċi u Bibliografija qsar. Il-publikazzjoni tiegħu hi eleganti ħafna u fil-qoxra ta' barra, minbarra s-salib aħmar fuq sfond abjad, hemm ir-riproduzzjoni ta' ikona griega b'San Ġorġ fuq iż-Żiemel. Naħseb li opra bħal din dwar San Gorg hi waħda mill-isbaħ tifkiriet tal-ġrajja tal-Martirju ta' San Ġorġ.

### F'Kollokwiju Internazzjonali

Għadna niftakru s-Simpożju Internazzjonali li sar fil-Bażilika tagħna bħala parti mill-Festi Ċentinarji ta' San Ġorġ, f'April 2003. Fih ħadu sehem diversi kelliema ta' fama nternazzjonali. Nittamaw li l-"Atti" ta' dan is-Simpożju ma jdumux ma jiġu publikati biex jibqgħu tifkira dejjiema tas-17-il Ċentinarju tal-Martirju ta' S. Ġorġ.

Iżda dan ma kienx l-uniku Simpożju Internazzjonali li sar dwar San Ġorġ Martri fl-okkażżjoni ta' dan iċ-Ċentinarju Glorjuż. Il-"Pontificia Insigne Accademia

Ikompli f'paġna 7

# Is-Seba' Edizzjoni tal-"Victoria International Arts Festival" 22 ta' Ġunju - 22 ta' Lulju 2004

*Joseph Camilleri*

Normalment Ġunju jimmarka t-tmiem l-istaġun tal-kunċerti. Imma dan ma baqax hekk, grazzi għall-*Victoria International Arts Festival*, miżmum kull sena f'Għawdex fil-kuntest taċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa ta' San Ġorġ.

Il-parroċċa ta' San Ġorġ fil-belt Victoria hi magħrufa sew għas-sapport li tagħti lil attivitajiet artistiċi ta' kull xorta. Il-kultura, partikularment il-mużika, tifforma parti integrali miċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa tal-qaddis patrun tagħha, li tinżamm fit-tielet Ħadd ta' Lulju. Ħafna minn dawk li jħobbu l-mużika tal-knisja jimlew il-bażilika ta' San Ġorġ biex igawdu l-mużika waqt is-servizzi liturġiċi, l-iktar il-*Vespri* ta' Mons. Giuseppe Farrugia u l-*Mass in D* ta' Mro Joseph Vella, li bħalissa hu *maestro di cappella* tal-bażilika.

L-ewwel edizzjoni ta' dan il-festival, li kienet inżammet sitt snin ilu, kienet attentat biex l-aspett kulturali tal-festa jissaħħaħ permezz ta' numru ta' kunċerti fil-bażilika. Anki fl-ewwel snin tiegħu, l-aspirazzjonijiet internazzjonali tal-festival kienu ċari; dan rajnieh fil-parteċipazzjoni ta' artisti barranin ta' kapaċità impekkabbli bħall-vjolinist Marcello Canci u l-pjanist Giuseppe Scotese ta' l-*Accademia di Santa Cecilia* ta' Ruma u *The Classic Trio* tar-Renju Unit.

Taħt id-direzzjoni artistika tal-Professur Vella, u bis-sapport kostanti tal-kor *Laudate Pueri* tal-bażilika ta' San Ġorġ u bosta voluntiera, il-festival kompla jikber u jiġbed lejh l-interess mhux biss ta' parteċipanti lokali imma wkoll ta' artisti minn ċirki mużikali internazzjonali ta' ċerta importanza. Il-festival illum kiber f'ċelebrazzjoni ta' mużika u mferrxa fuq xahar, u din is-sena ma kinitx xi eċċezzjoni.

Is-seba' edizzjoni tal-festival bdiet nhar it-Tlieta 22 ta' Ġunju 2004 bir-ritorn ta' l-*Oden Ensemble for Contemporary Music*, fi programm prinċipalment ta' mużika Franċiża tas-seklu għoxrin u xogħlijiet ta' Joseph Vella. L-*ensemble*, li tgħaqqad flimkien solisti u mużiċisti minn orkestri eminenti ta' Pariġi, hi magħrufa għall-esekuzzjoni tagħha ta' dan ir-repertorju (għal dawn l-aħħar tliet snin huma kienu wkoll qed jippromovu l-mużika ta' Vella fi Franza). Jekk il-kunċert tas-sena l-oħra ma kienx ta' min jitilfu, ta' din is-sena kien tassew ftuħ mill-aqwa.

Il-festival kien iffurmat l-iktar minn kunċerti żgħar u strumentali. Ma setax jonqos li l-post fejn inżammu l-biċċa l-kbira tal-kunċerti kien l-*Aula Mgr Giuseppe Farrugia*, li l-akustika tagħha hi ideali għal kunċerti bħal dawn. Il-pjanu tal-kunċerti *Yamaha* li hemm fis-sala kien il-protagonist f'kunċert mill-pjanista żagħżugħ Sqalli Antonello Manco, li daqq il-*Pictures at an Exhibition* ta' Mussorgsky is-Sibt 26.

Il-Ħadd 27 Manco akkumpanja lis-sopran Taljana Letizia Colajanni fi programm ta' siltiet operistiċi, b'xogħlijiet fost l-oħrajn ta' Verdi, Puccini, Cilea u Donizetti, flimkien ma' biċċiet tal-pjanu miktuba minn Manco stess.

Mill-Ingilterra wkoll ġie l-*Arpège Duo* (Christina Rhys, arpa; Stephen Stirling, kornu) li fis-7 ta' Lulju nstema' f'repertorju għal dan it-tlaqqigħ xejn komuni u interessanti ta' dawn iż-żewġ strumenti. Għalkemm twaqqfet biss erba' snin ilu, l-*ensemble* malajr stabbiliet ruħha fir-Renju Unit, tant li bosta kompożituri interessaw ruħhom li jiktbulha xogħlijiet ġodda għad-daqq. Il-programm ippreżentat mid-dwett kien jinkludi xejn inqas minn tliet xogħlijiet ta' kompożituri Ingliżi li żżanżnu għall-ewwel darba, u li tnejn minnhom ġew ikkummissjonati apposta għall-*Victoria International Arts Festival* ta' l-2004.

Dawk li jħobbu l-vjolin żgur li jogħġobhom ferm il-kunċert tal-vjolinist Taljan Marcello Canci. Canci, li l-karriera tiegħu ħaditu f'postijiet differenti daqs il-*Coliseum* ta' Buenos Aires u l-*Wigmore Hall* ta' Londra, se jesegwixxi l-ewwel sonata ta' Saint-Saëns, flimkien ma' biċċiet ta' Schubert u J.S. Bach (l-Erbgħa 21 ta' Lulju).

Għalkemm internazzjonali, il-festival ta' din is-sena kellu wkoll xi wħud mill-aqwa ismijiet ta' Malta - mużiċisti li għamluna kburin kemm lokalment u kemm barra minn Malta. Fosthom hemm is-sopran Miriam Cauchi, li għadha kemm waslet lura Malta minn żewġ kunċerti gala f'Maribor, is-Slovenja u fil-*Berliner Konzerthaus* flimkien ma' l-Orkestra Sinfonika ta' Berlin taħt id-direzzjoni ta' Lior Shambadal, it-tnejn bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tad-dħul ta' Malta fl-UE. Fost l-appuntamenti li issa jmissha barra minn Malta, jispikkaw żewġ kunċerti fil-Bavarja u fil-*Berliner Konzerthaus* rispettivament.





Fil-*Victoria Arts Festival* hi ppreżentat kunċert vokali eklettiku li fih Maria Frendo akkumpanjatha bil-pjanu f'xogħlijiet ta' Mozart, Massenet, Rachmaninov, Strauss u Joseph Vella (il-Ġimgħa 2 ta' Lulju).



Mużiċisti oħra Maltin li taw jew se jagħtu sehemhom huma l-*La Vallette Clarinet Quartet* fi programm tipikament avventuruż u divertenti (24 ta' Ġunju), il-*Janascharco Trio* li esegwixxa xogħlijiet tas-seklu għoxrin għall-flawt, il-vjolin u l-pjanu (30 ta' Ġunju), il-*Ġukulari Ensemble* li ppreżentat mużika ispirata mit-tradizzjoni folkloristika ta' Malta (5 ta' Lulju), u l-*Festive Brass Ensemble* li mistennija tagħti wirja ta' l-enerġija kollha tagħha (20 ta' Lulju).

L-aħħar kunċert tal-festival ukoll ġie fdat f'idejn żewġ mużiċisti Maltin ta' fama - il-baritonu Joe Huber u l-pjanista Sharon Gauci - li se jagħtuna biċċiet mill-kapulavur ta' Schubert *Winterreise* u d-*Dichterliebe* ta' Schumann.

La l-festival hu manifestazzjoni kulturali f'kuntest li ultimament hu spiritwali, ma jistax ikun li l-mużika sagra ma tingħatax rwol ċentrali. Edizzjonijiet tal-passat raw esekuzzjonijiet minn korijiet ta' fama dinjija bħall-*Ely Cathedral Choir* u l-kor tal-*Magdalen College*.

L-*ensemble* korali mistiedna din is-sena kienet in-*Newcastle Cathedral Choir*, li ta kunċert fil-bażilika ta' San Ġorġ taħt Scott Farrell (10 ta' Lulju). Il-programm inkluda xi wħud mit-teżori tat-tradizzjoni korali Ingliża bħall-*I was Glad* maestuża ta' Parry, il-*Five Mystical Songs* ta' Vaughan Williams, u l-*Hymn to the Mother of God* memorabbli ta' John Tavener.

Id-direttur mużikali Scott Farrell reġa' ħa sehem waħdu bħala organista f'kunċert il-jum ta' wara. Miegħu ngħaqdu l-*Lay Clerks of Newcastle Cathedral* li ħadu sehem f'esekuzzjoni tal-*Messe Cum Jubilo* ta' Duruflé (11 ta' Lulju). Fit-12 ta' Lulju n-*Newcastle Cathedral Choir* ingħaqad mal-kor *Laudate Pueri* tal-bażilika ta' San Ġorġ f'kunċert ta' mużika Barokka Maltija taħt Joseph Vella. Dan ir-repertorju issa sar sinonimu ma' l-isem tal-Professur Vella u l-*Laudate Pueri*, li ġew imfaħħra ħafna meta esegwewh f'Londra u f'New York, u mbagħad irrikordjawh fuq serje ta' CDs.

Innovazzjoni ta' l-aħħar snin kienet li ddaħħlu xi attivitajiet oħra biex jikkumplimentaw il-festival. Ewlenija fost dawn hi skola-sajf li tipprovdi *masterclasses* f'diversi strumenti minn għalliema esperti lokali u barranin.

*Ikompli f'paġna 6*

# ROKNA GĦAT-TFAL

Għeżież Tfal,

Żmien il-vaganzi magħna. Min ma jeħux gost bil-vaganzi! Il-mistrieħ kulħadd iridu, basta wieħed ikun ħadem għalih. Jalla lkoll kemm intom tirċievu riżultat sabiħ. Dan minn qalbi nawguralkom. Issa araw li tgawdu s-sajf, basta ma tabbandunawx kompletament il-kotba, li għandhom ikunu dejjem fost l-aqwa ħbieb tagħkom. Morru l-baħar u għumu; iżda evitaw li toqogħdu fix-xemx bejn nofs inhar u t-tlieta għax ir-raġġi qawwiji tagħha ma jagħmlux ġid. Anke meta tkunu fil-baħar araw li ma tirraġġawx bl-idejn għax il-baħar ma tiċċajtax miegħu. Il-baħar jagħtik is-saħħa u jista' jservi ta' eżerċizzju tajjeb ħafna għall-ġisem tal-bniedem, iżda kif għidna; araw li meta taqbżu minn fuq xi blata, ma tiġux fuq xulxin, għax ġie li ġraw inċidenti koroh ħafna. Alla jħariskom minn dan kollu.

Kif tafu, matul il-vaganzi tas-sajf, jiġu wkoll ħafna festi, u sakemm tkunu qed taqraw dawn l-erba' versi, ikunu diġa tgerbu xi ftit minnhom. Iżda l-aktar waħda mportanti u għal qalbna tkun għadha ma għadditx, imma tinsab riesqa sewwa. B'din il-festa qegħdin nagħlqu s-Sabtax-il Ċentinarju mill-mewt ta' San Ġorġ. Kellna tassew festi sbieħ li ma ninsewhomx u issa ninsabu lesti biex ingawdu din li ġejja.

Kif dejjem ngħidilkom, il-festa fiha żewġt uċuh: il-festa ta' ġewwa u dik ta' barra, u min hu veru bil-għaqal, jara li jgawdihom it-tnejn. Fil-Knisja mżejna tagħna, ikollna għadd sabiħ ta' funzjonijiet imżewqa b'mużika mill-aqwa. Il-jiem tat-Tridu jiġbdu ħafna parruċċani u barranin, u jiena nħeġġiġkom biex tmorru mal-ġenituri tagħkom tisimgħu dwar il-ħajja ta' San Ġorġ. Ħafna minn kom Iżanżnu xi libsa ġdida, xi sandli, xi żarbun, qmis u ċinturin. Sewwa jagħmlu għax din għalina hija festa speċjali. Bla dubju wara l-funzjonijiet tal-knisja, jixraq li niddevertu mal-marċijiet u ngawdu n-nar u nieklu xi ġelat; għax din ukoll hija parti mill-festa. Ta' kull sena jingħaqdu magħna għadd ta' emigranti. Insellmulhom lil dawn, għax naf li ħafna minnhom jirċievu din ir-rivista tagħna.

Ma niskantax jekk xi wħud minnkom jagħtu daqqa t'id fl-armar li jżejjen it-toroq tagħna. Min jista' jgħin b'xi mod m'għandux joqgħod lura. B'hekk żgur li tħossukom iktar parti mill-festa. Mela ħa nieqaf hawn; qabel ngħaddi għall-kompetizzjoni nixteqilkom il-festa t-tajba u vaganzi mill-isbaħ.

U issa ngħaddu għall-kompetizzjoni li tista' trebbaħkom ktieb sabiħ bil-Malti ġentilment mogħti mill-Klabb Kotba Malri tas-Sur Pawlu Mizzi (Fergħa t'Għawdex -2155 1325, 79551325)

### MISTOQSIJIET:

1. F'liema festa l-partitarji tismagħhom jgħajtu : Viva x-Xemx?
2. Barra lil San Ġorġ, f'liema raħal in-nies tismagħha tgħajjat: "Viva l-Magnus"?
3. Semmi żewġ festi titulari li ħafna drabi jaħbtu matul il-ġimgħa u allura ma jsirux il-Ħadd?
4. F'liema raħal f'Għawdex instab ċertu tip ta' rħam u issa l-knisja ta' dak ir-raħal nksiet ħafna minnha bih?
5. B'liema festa fetaħ l-istaġun tal-festi f'Għawdex?
6. B'liema festa titulari se jagħlaq l-istaġun tal-festi f'Għawdex?

Ibgħatu t-tweġibiet tagħkom sa nhar il-Ġimgħa 30 ta' Lulju 2004 f'dan l-Indirizz: *L-Editur, Il-Belt Victoria, Ċentru Parrpjjali, Bażilika San Ġorġ, Victoria, Għawdex.*

***Iz-Ziju Peppi***

*ikompli minn paġna 5*

Din is-sena, f'kollaborazzjoni ma' l-iskola *Professur Ġużè Aquilina* f'Ta' Sannat, il-promuturi tal-festival organizzaw ukoll sessjoni għat-tfal bi bżonnijiet speċjali - inizjattiva ta' min ifaħħarha. Iktar minn hekk, biex juru l-impenn tagħhom fil-kultivazzjoni tat-talent żagħżugħ, il-promuturi tal-festival organizzaw ukoll żewġ kunċerti bil-ħsieb li jagħtu lil mużiċisti promettenti li għadhom żgħar l-opportunità li jiddebuttaw fil-pubbliku. Filfatt inżamm *Débutantes Concert* li introduċa tmien solisti strumentali promettenti waqt programm interessanti ta' xogħlijiet (3 ta' Lulju), u 'l għada xi studenti żgħar mill-banda *La Stella* daqqew bħala solisti u fi gruppi żgħar.

Din is-sena s-serje *The Composer Speaks* kienet iddedikata lill-kompożitur Ingliż Paul Rhys, li ġie mistieden jagħti lekċer illustrattiv dwar il-mużika tiegħu. Ix-xogħlijiet ta' dan il-kompożitur, direttur u mużiċista jvarjaw minn mużika elettronika u kompjuterizzata għal xogħlijiet iżjed konvenzjonali ta' natura strumentali jew żgħira u anki biċċiet korali fuq skala kbira. Din żgur li kienet opportunità interessanti għall-udjenzi lokali biex jieħdu idea tal-proċessi kreattivi ta' kompożitur kontemporanju famuż.

Wieħed mill-iktar avvenimenti li kisbu suċċess fil-festival tas-sena l-oħra kien *Taħt Sema Kwiekeb* - serata ta' qari ta' poeżiji b'togħma ta' mużika etnika lokali, ikko-ordinata minn Joe Friggieri. Il-Professur Friggieri kien fostna mill-ġdid għal sessjoni oħra ta' qari ta' poeżiji taħt sema lejli kollu kwiekeb - indikazzjoni li l-*Victoria International Arts Festival* imur 'lil hemm mill-mużika.

Jidher, filfatt, li hu diffiċli tassew li tispjega l-karattru uniku tal-festival. Miżmum proprju f'nofs l-istaġun tal-festi, il-festival jixrob mill-karattru ċelebrattiv tiegħu u jesprimi ruħu fit-tradizzjonijiet reliġjużi, kulturali u soċjali tagħna. Minn naħa dan jagħmlu ċelebrazzjoni tassew "lokali", imma fl-istess ħin, ironikament, hu sewwasew dan is-sens ta' post li jagħti lill-festival in-natura tiegħu hekk sabiħa u li tiġbdek, u jħajjar lil artisti kbar mill-Ewropa kollha jżuruh u jerġgħu jżuruh.

Dan hu li jagħmel mill-festival tassew avveniment artistiku internazzjonali, wieħed li jistħoqqlu post prominenti fil-kalendarju kulturali Malti. L-organizzaturi tiegħu qatt ma kellhom għax jistħu jxandru l-prezz tiegħu - l-avvenimenti kollha kienu b'xejn!

*Il*-Victoria International Arts Festival 2004 *hu sponsorjat mill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu, il-Kunsill Malti għall-Kultura u l-Arti, l*-Istituto Italiano di Cultura, *l*-Alliance Françaíse de Malte, *il*-Bank of Valletta, *il*-Coca-Cola *u l*-British Council.

*Jaqbad minn paġna 4*

di Belle Arti e Lettere dei Virtuosi al Pantheon" tal-Belt tal-Vatikan flimkien ma' l-Università Kattolika ta' Leopoli u l-Istitut Universitarju "Suor Orsola Benincasa" ta' Napli, organiżżaw Kollokwiju Internazzjonali fl-Italja, bl-Ewwel Sessjoni li saret f'Ruma bejn it-28 u t-30 ta' Novembru 2003 u t-Tieni Sessjoni li saret fi Troina, Sqallija bejn it-23 u l-25 ta' April 2004.

Dan il-Kollokwiju kien bit-tema "San Giorgio e il Mediterraneo" u kien taħt il-Patroċinju ta' L-Em. T. il-Kardinal Lubomyr Husar, Arcisqof Maġġur ta' Leopoli, tar-Re ta' Spanja, tal-President ta' Malta u tad-Duka tal-Kalabrija. F'messaġġ li l-Papa bagħat permezz tas-Segretarju ta' l-Istat, il-Kardinal Angelo Sodano, għal dan il-Kollokwiju, fid-29 ta' Novembru 2003, fisser *"vivo apprezzamento per opportuna iniziativa et mentre auspica che rivisitazione testimonianza et culto glorioso martire patrimonio comune popoli europei et mediterranei contribuisca ad affermare fondamentale importanza radici cristiane dell'Europa"*.

Infatti għall-okkażżjoni ta' dan il-Kollokwiju ġiet ipprezentata ikona ġdida ta' San Ġorġ ***(ara ritratt)*** xogħol Suor Katerjna Chalyk li tbierket mill-Kardinal Paul Poupard, President tal-Kunsill Pontifiċju tal-Kultura, u se tkun meqjuma fil-Kon-Kattidral ta' Santa Sofia ta' l-Ukrajini f'Ruma. Din l-ikona turi lil San Ġorġ fuq iż-Żiemel li joqtol id-Dragun li qed jhedded iċ-ċiviltà nisranija ewropeja, ippreżentata bil-Kattidral ta' Kiev, il-Bażilika ta' S. Pietru, il-Kattidral ta' Cologne u dak ta' Notre Dame. Fl-isfond jidher il-Baħar Mediterran. Fil-ġnub ta' l-ikona hemm is-sitt Patruni ta' l-Ewropa: S. Benedittu, S. Ċirillu, S. Metodju, S. Katerina ta' Siena, S. Briġida ta' l-Isvezja u S. Tereża Benedetta tas-Salib (Edith Stein).



F'dan il-Kollokwiji Internazzjonali ġew ippreżentati diversi studji li *"jiffurmaw punt ta' tluq validu biex jiġi studjat, fi prospettiva metodoloġika aġġornata, il-Qaddis gwerrier per eċċellenza, li ġie magħżul sa minn żminijiet il-Kruċjati, Patrun tal-Kavallerija"*. L-istudji kollha diġà ġew ippublikati fi ktieb maħruġ mill-Belt tal-Vatikan fl-2004, li żgur se jibqa' tifkira valida dejjiema mill-aqwa ta' dan iċ-Ċentinarju.

### F'Ħal Qormi

Ħal Qormi fakkar b'festi xierqa s-Sbatax-il Ċentinarj tal-Martirju ta' San Ġorġ. Iżda din il-Belt Pinto riedet li tibqa' tifkira dejjiema ta' dan iċ-Ċentinarju Glorjuz. Infatti nhar il-Ħadd, 25 ta' April 2004, fiż-żona msejħa ta' Farsina, sewwasew fi Triq il-Ħelsien, saret l-inawgurazzjoni ta' proġett li jissimbolizza dan iċ-Ċentinarju Gorgjan. Il-Kunsill Lokali Qormi ħadem id f'id mas-sezzjoni Żgħażagħ Kumitat Festi Esterni u r-residenti Qriema sabiex twaqqaf monument sabieħ li jfakkar għal dejjem l-1700 Sena tal-Martirju ta' San Ġorġ.Waħda mill-wesgħat li hemm f'Ħal Qormi, ngħatat dehra ġdida bi xtieli u pjanti naturali, u f'nofsha tqiegħdet l-istatwa ta' San Gorg Martri, skultura mill-isbaħ ta' Antoine u Chris Mifsud, żewġt aħwa artisti Qormin. Ix-xogħol fuq id-disinn tal-pedestall ta' din l-istatwa sar mill-artist Qormi, Silvio Pace u x-xogħol tal-iskultura sar minn Louis Xuereb.Għall-okkażżjoni ta' l-inawgurazzjoni ta' din it-tifkira dejjema taċ-Ċentinarju ta' San Ġorġ Martri, sar marċ mill-Għaqda Mużikali Aniċi u l-Għaqda Mużikali San Ġorġ Martri. Il-Qriema li attendew bi ħġarhom taw xhieda tad-demm Ġorġjan li jqanqalhom biex ifakkru kif jixraq lill-Patrun tagħhom.

### Għeluq

Dawn it-tifkiriet taċ-Ċentinarju Gorgjan se jibqgħu għal dawk ta' warajna xhieda ta' l-influwenza tal-kult li n-nies tal-bidu tat-Tielet Millenju, bħal dawk ta' qabilhom, jagħtu lil San Ġorġ Martri. Nittama li meta jasal iż-żmien li jiġi ċelebrat iċ-Ċentinarju li jmiss tal-Martirju ta' San Ġorġ, li għalih aħna żgur ma nkunux preżenti, ikun hawn min jitqanqal minn dawn it-tifkiriet biex joħloq oħrajn li jixhdu għall-qdusija u l-qlubija ta' San Ġorġ Martri, Patrun tagħna.

# ĠORĠI ANICI



Għidli ftit, Ġorġi tiegħi, min webblek
lili tagħżel għalik minn ġuf ommi
biex ngħannilek għanjiet kollha mħabba
hierġa b'qawwa minn qalbi w minn fommi?

Għidli ftit, Ġorġi tiegħi, x'ħassejtli,
x'ħin ilmaħtni hekk ċkejken tarbija
fuq dirgħajn diehel f'tiegħek il-Maqdes
u t-triq nibda w intemm tal-qdusija?

Għidli ftit, Ġorġi tiegħi, fis-sikta
ta' ġo qalbek, x'għidt mimli bit-tama
li xi darba nissara t-taqbida
u bħal tiegħek niżżejjen bil-fama?

Għidli ftit, Ġorġi tiegħi, x'fettillek
lili tiehu f'idejk biex il-ħajja
ta' żgħożiti fuq tiegħi w irżina
nimxi b'ħila fil-bidu tal-ġrajja?

Għidli ftit, Ġorġi tiegħi, x'ġiek f'moħħok
tgħasses fuqi fil-jiem tal-ħolm ħlejju,
u bil-għaqal timlieli lil ruħi
b'qtar il-għasel ifuħ daqs il-plejju?

Għidli ftit, Ġorġi tiegħi, x'qatt kienet
dik il-qawwa li f'qalbi sawwart,
u rhejt f'idi s-sejf jaqta' tal-ġlieda,
biex lil ruħi bil-hena fawwart?

Għidli ftit, Ġorġi tiegħi, lil qalbek
minn żammhielek ittektek qawwija,
meta b'żejt l-aktar għani nindilek
rajtni darba, b'kull tama ġo fija?

Għidli ftit, Ġorġi tiegħi, ma' sidri
xtajtni darba biex nilqa' 'x-xitan,
il-kurazza li tgħinni 'l bogħ'd minni
inżomm dejjem bla qatt ngħix beżgħan?

Għidli ftit, Ġorġi tiegħi, min ħeġġek
biex l-imħabba tqanqalli fil-ħin
għal missieri, għal ommi w għall-qraba
illi llum qegħdin ħdejk ferħanin?

Għidli ftit, Ġorġi tiegħi, fid-dwejra
fejn int tgħammar, x'daħħaltni biex hemm
ngħallem dejjem fl-imħabba 'l uliedek
jgħixu f'għaqda w jeqirdu kull semm?

Għidli ftit, Ġorġi tiegħi, xi jġieghlek
titla' miegħi sa fuq il-Kalvarju,
waqt li jum fuq kull ieħor bla tfalli
tinseġ kollox u ttemmli fi djarju?

Għidli ftit, Ġorġi tiegħi, x'weżwiżtli
ġo widinti sabiex fit-testment
wara mewti nħallilek kull m'għandi
biex narak titbissimli kuntent?

Għidli ftit, Ġorġi tiegħi, min saħħek
f'dan il-ħsieb u bqajt qisek beżgħan,
bħal min tħasseb u nesa tjubiti,
u temm fija d-demm qawwi Ġorġjan?

Għidli ftit, Ġorġi tiegħi, x'jaqbillek
tieħu minni, teżor jew imħabba,
li mill-għodwa li rsaqtlek quddiemek
rajt titnissel għalik u titrabba?

Għidli ftit, Ġorġi tiegħi, int x'tagħżel,
miegħek mimxi ta' l-akbar sinjur,
jew ta' l-akbar ġenwin ta' mħabbitna
u jien miegħek ninħareġ bl-unur?

Għidli ftit, Ġorġi tiegħi, u stqarrli
li int taf, ma nsejtekx fit-testment,
'mma taf tajjeb li mħabbti w imħabbtek
jieqfu qatt, jikbru biss f'kull mument!

***Kan. Joe Mejlak*** 23.04.04

# JOSEPH CALLEJA FIT-TEATRU ASTRA

It-Tenur Malti Joseph Calleja dan l-aħħar għamel żjara fit-Teatru Astra biex jara l-ħsarat kbar li saru fis-sala kawża tan-nirien li ħakmu t-teatru f'Novembru tas-sena l-oħra. Ma setax jonqos li Calleja baqa' impressjonat bl-instensità tal-ħsarat kaġunati bl-inċident tal-ħruq tan-nar. L-akbar ħsara saret fis-saqaf li effettivament parti kbira minnu kellha tinbidel.

Ħsarat oħra saru lid-dekor tas-sala, is-separju, li screen tas-cinema, pultruni, parti mill-Orchestra Pit kif ukoll is-sistema kollha tad-dawl u s-sound.

Iż-żjara fit-Teatru Astra sadattant ġabitlu memorji sbieħ tad-debutt tiegħu fil-qasam ta' l-opra lirika sewwa sew seba' snin ilu. Kien proprju f'Mejju 1997 li Joseph Calleja deher għall-ewwel darba fuq il-palk meta nterpreta l-parti ta' Macduff fl-opra Macbeth li saret fit-Teatru Astra flimkien ma' kast ta' kantanti Amerikani.

Matul iż-żjara tiegħu Calleja ha l-okkażjoni biex jippreżenta lill-Management tat-Teatru Astra bis-CD li għadu kif ħareġ, bl-isem "Tenor Arias", li tant qed tagħmillu suċċess saħansitra barra minn Malta. Min-naħa tiegħu l-Management ippreżentalu s-CD uffiċċjali ta' l-aħħar edizzjoni tal-Festival kulturali 'Mediterranea'.

It-Tenur Joseph Calleja ntlaqa' fit-Teatru Astra mill-President tas-Soċ. Fil. La Stella Dolindo Cassar, li kien akkumpanjat mill-Viċi-President Paul Zammit, George Farrugia li huwa nkarigat mit-Taqsima tal-Kostumi tat-teatru u Amabile Zammit, membru fil-kumitat organizzattiv tal-festival 'Mediterranea'. Joseph Calleja wera ruħu nteressat fil-Festival u faħħar l-isforzi li qed jagħmel il-Management biex permezz ta' avveniment internazzjonali bħal dan jagħti kontribut fil-ħidma biex jiġu attirati aktar turisti lejn Għawdex fl-istaġun tax-xitwa.

Intant fit-Teatru Astra, minkejja li t-taħdidiet mal-kumpanija ta' assikurazzjoni għadhom ma ġewx finalizzati, ser jitkompla x-xogħol tar-rikostruzzjoni tat-teatru wara li tħejja l-pjan kollu ta' kif se jsiru x-xogħolijiet u tlestew ukoll il-pjanti tal-proġett li mistenni jiswa lis-Soċjetà eluf kbar ta' liri. Il-partitarji u l-ammiraturi tas-Soċjetà qed jiġu kontinwament imħeġġa biex ma jibqgħux lura milli jagħtu s-sehem tagħhom f'dan il-proġett.

# L-Għaqda ta' l-Armar Festa San Ġorġ



Fit-tielet ġimgħa ta' Lulju l-Belt Victoria tkun liebsa l-isbaħ libsa biex issellem lill-patrun tagħha. Is-Soċjetà Filarmonika *La Stella* li hi responsabbli mill-festi esterni tal-Patrun ta' Għawdex, għandha fi ħdanha kumitat, b'għan speċifiku, dak li jorganizza, jipprommovi u jġedded l-armar tal-festa.

Żgur li l-vetrina ewlenija ta' l-isforzi ta' l-għaqda u l-mera tat-talent Ġorġjan fi ħdan is-Soċjetà *La Stella* matul din is-sena huwa esebit fi Pjazza San Ġorġ. Wara li matul is-snin saret dawra sew fuq l-armar kollu tal-festa, kien jxraq li ssir ir-rinovazzjoni ta' l-armar fil-pjazza ta' l-Arċimatriċi tal-Gżira. Filfatt din is-sena għall-pjazza ser jiżżanżan sett ta' sitt trofej kompluti b'bandalori u bnadar ġodda, żewġ statwi minn sett ta' erba' u t-tkomplija tad-dekorazzjoni tal-pedestall ta' l-istatwa ta' San Ġorġ taż-żiemel. Il-ħidma fuq it-trofej il-ġodda, b'disinn ta' Renzo Gauci, hija waħda mill-akbar proġetti li l-għaqda qatt bdiet u lestiet f'sena. Minbarra x-xogħol kbir f'injam u l-irħamar, l-istess trofej ġew ikkumplimentati minn sett kruċetti, bnadar u bandalori ġodda, dawn ta' l-aħħar fuq id-disinn ta' l-artist Rabti Joseph Cauchi, membru ukoll ta' l-istess għaqda.

Il-ħidma kollha ta' l-injam fuq bażi volontarja saret minn *Pascal Woodworks* tal-Belt Victoria bl-għajnuna tal-membri ta' l-għaqda, taħt id-direzzjoni ta' l-imgħallem Ino M. Attard, membru mill-aktar attiv tal-Għaqda ta' l-Armar. Il-membri ta' l-għaqda taw is-sehem tagħhom f'dak li għandu x'jaqsam ma' brix, stukkjar u protezzjoni ta' l-injam u żebgħa. Ċertament, bħal f'oqsma oħra, l-għaqda ta' l-armar tas-Soċjetà *La Stella* kienet ewlenija f'Għawdex fit-tiġdid u fl-introduzzjoni tad-drapp dekorattiv tal-festa, partikularment f'bandalori u pavaljuni. Wara l-bandalori ta' Triq ir-Repubblika u l-pavaljun maestuż tat-telgħa tas-sur, kien jixraq sett bandalori u bnadar ġodda biex jikkumplimenta d-dehra ġdida tal-Pjazza tal-Belt Victoria. It-talent li jinsab fi ħdan l-għaqda jippermetti u joffri l-lussu li d-disinni u l-ħidma ta' proġetti ġodda jistgħu jiġu kkummissjonati lil membri fi ħdan l-għaqda. F'dan ir-rigward l-artist Rabti Joseph Cauchi ġie fdat bid-disinn tal-bandalori li ser jirraffiguraw dinjitarji u prelati marbuta mal-Bażilika Ġorġjana. L-istess bandalori ser ikunu kkumplimentati minn sopraporti fuq disinn u mudellatura ta' l-istess artist. Biex dan il-proġett ikun komplut minn kollox, ġew ordnati sitt antarjoli ġodda u nhadmu fuq l-istess disinn fir-ram kruċetti u rjus għall-antarjoli u għall-bnadar, rispettivament.

Il-proġett tar-rinnovazzjoni ta' Pjazza San Ġorġ ma waqafx hawn! Għand l-artist Michael Camilleri Cauchi ġie kkummissjonat sett ta' statwi ta' imperaturi u rġejjen, fosthom qaddisin. Minn dan is-sett ta' erbgħa, din is-sena ser jiżżanżnu l-istatwa ta' Kostantinu u ta' l-imperatriċi Santa Liena. Għal din ta' l-aħħar sar salib ta' l-injam interzjat minn Ino M. Attard.

Dan il-proċess kollu tar-riġenerazzjoni ta' armar ġdid għal Pjazza San Ġorġ ippermetta li l-armar l-antik tal-pjazza jiġi kkonservat fl-istat oriġinali tiegħu u jkun jista' jintrama fi pjazez u toroq oħrajn madwar il-belt, biex b'hekk tiżdied aktar il-firxa ta' l-armar madwar il-Belt Victoria. Filfatt din is-sena t-trofej li kienu jintramaw fi Pjazza San Ġorġ se jiġu traslogati fi Pjazza Sabina u l-anġli tal-pjazza ser jieħdu posthom fi Triq Vajringa.

Matul din is-sena l-għaqda kienet impenjata wkoll fit-tkomplija tal-proġett li kien ġie inawgurat fis-sena Ċentinarja - is-sett ta' għaxar pedestalli ta' Pjazza Indipendenza. Filfatt ġiet fi tmiemha d-dekorazzjoni bl-iskultura ta' dawn il-pedestalli. F'dan ir-rigward din is-sena ser tiġi mżanżna l-ewwel minn sett ta' għaxar statwi li jirraffiguraw qaddisin martri żgħażagħ. Filfatt għal din is-sena Aaron Camilleri Cauchi lesta l-istatwa ta' Santa Margerita. Din l-istatwa ser tiġi kompluta b'salib ta' l-injam interzjat maħdum minn George Attard ta' G+M Woodworks tal-Belt Victoria.

Grazzi għall-armar l-ġdid ta' Pjazza San Ġorġ, l-Għaqda għandha l-faċilita li tqassam l-armar li normalment kien jintrama fi Pjazza San Ġorġ madwar toroq u pjazez ewlenin oħara tal-Belt. Fil-fatt l-anġli tal-Pjazza San Ġorġ din is-sena ser jintramaw fi Triq il-Vajringa, t-trofej u l-bandalori ta'l-istess Pjazza ser jintramaw fi Pjazza Sabina u sussegwentament Pjazza Santu Wistin ser tintrama bil-bandalori li kienu jsiru fi Pjazza Sabina.

Din is-sena kompla ukoll l-mantuensjoni fuq l-armar tal-festa. Wara li ġew restawrati b'suċċess l-anġli li jintramaw fil-loġoġ tal-Pjazza, din is-sena l-istess John Pace irrestawra l-istatwa ta'l-Imperattriċi Alessandra, xogħol ta'l-istatwarju Għawdxi Wistin Camilleri.

Jekk il-ħidma, l-għaqda u l-isforzi kollha ikomplu jkunu sostnuti minn kulħadd, il-futur għall-festa ta' San Ġorg, speċjalment fil-qasam ta' l-armar għandu prospetti isbaħ minn qatt qabel.